# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **51/2020**

**SIXTEEN LIMITED**
[REG. NRU. C-65789]

***VERSUS***

**RAJAN BHARWANI**[1]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Frar, 2020 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' seba' mija, tlieta u erbghin ewro u sitta u sebighin centezmi (€743.76c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-fornitura ta' servizzi konsistenti f'xiri ta' licenzji ghas-sistema 'Xero' u 'Vend' (*accounting* u *POS software* b'mod rispettiv) u forniturі ta' *thermal rolls* ghas-sistema EPOS mhaddma mill-konvenut, hekk kif ahjar deskritt fl-Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk marbuta ma' ittra ufficjali (ref. nru. 141/2020), bl-imghaxxijiet dekorribbli mid-data ta' kull servizz moghti sad-data tal-pagament effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

[1] Il-parti mharrka tidher bl-isem ta' "Simon Bharwani" f'certu dokumenti ezibit mill-attrici (ara *a foll.* 2–4, 16–19, 21–24 u 27), bl-isem ta' "Simon Rajan Bharwani" f'ohrajn (ara *a fol.* 30), filwaqt li f'ohrajn tidher bl-istess isem imnizzel fl-okkju tal-kawza, "Rajan Bharwani" (ara *a foll.* 6–15, 20, 25–26, 29 u 32–33).

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021 (*a fol*. 48), il-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenzi successive ghan-notifika tieghu u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[2] ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-duttrina forensi nsibu ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio

[2] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja.

Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959);[3] id-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35**;[4] il-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010);[5] id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u *in re* **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett.

Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Fil-kors tal-kawza jirrizulta illi l-partijiet kienu jinsabu jwettqu diskussjonijiet bejniethom sabiex jirrizolvu din il-pendenza u minhabba fihom, il-konvenut jidher li kien hallas parti mill-ammont domandat mill-attrici. Infatti, fl-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2020 Davidlynn Seisun, bhala rapprezentant ta' l-attrici, kien irregistra hekk: "*Davidlynn Seisun, fil-kwalità tieghu premessa, jgharraf lit-Tribunal illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Konvenut wettaq zewg pagamenti lill-Attrici fl-ammont komplessiv ta' EUR240 u li jifdal bilanc ta' EUR503.76.*" Minhabba tali episodju, il-procediment kien gie aggornat sabiex tinghata l-opportunità lill-konvenut sabiex jissalda l-imsemmi ammont bilancjali. Infatti fl-istess udjenza kien gie regitrat li, "*Dr. Etienne Calleja* [difensur ta' l-attrici]*, in vista tal-pagamenti diga' effettwati, u anke sabiex jghati possibilita' lillKonvenut jissalda l-ammont rimanenti fuq deskritt, jitlob aggornament tal-prezenti udjenza*."

Madanakollu, jidher li l-konvenut ma wettaq l-ebda pagament ulterjuri wara dak appena fuq imfisser fl-ammont ta' €240.00c u dan hekk kif jirrizulta minn dak verbalizzat fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021: "*Dr. Etienne Calleja, ghas-Socjetà Attrici, illi gharraf lit-Tribunal illi l-Konvenut ma wettaqx pagamenti ulterjuri hlief dawk imfissra fil-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2020 u ghalhekk jehtieg illi dan il-procediment jissokta.*"

Fl-imsemmija udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021 l-attrici pproduciet affidavit spjegattiv tas-sitwazzjoni (ara *a fol*. 47) illi fih spjegat ir-retroxxena ta' din il-grajja processwali sa mill-bidu

---

[3] Fiha nsibu ritenut hekk: "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal.*"

[4] Fiha inghad hekk: "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

[5] F'din id-decizjoni inghad li l-parti li tkun kontumaci "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha.*"

tar-relazzjoni negozjali ta' bejn il-partijiet sal-prezent fejn il-konvenut. Minn tali affidavit jidher illi l-konvenut kien hallas ammont akkont ta' €120.00c qabel li tressqet il-prezenti istanza (i.e., fil-21 ta' Gunju, 2019) u, successivament, wara li infethet din il-kawza, hu kien wettaq zewg pagamenti akkont ohra, ukoll ta' €120.00c-il wiehed (i.e., fl-4 ta' Gunju, 2020 u fis-7 ta' Gunju, 2020). L-ewwel pagament akkont m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni peress li sehh qabel il-kawza. Ghalhekk, jigi illi l-konvenut, matul din il-kawza, qata' u ssalda c-cifra ta' €240.00c mill-ammont ta' €743.76c li qed jigi domandat b'din l-istanza. Dan ifisser, kif diga' muri *supra*, illi l-ammont bilancjali rimanenti ta' €503.76c ghadu pendenti u dovut.

Tali hlas akkont ta' €240.00c da parti tal-konvenut ghandu jigi parifikat ma', u ekwivalenti ghal, ammissjoni tad-debitu originarjament dovut lill-attrici. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament (jew pagamenti) akkont imwettaq (jew imwettqa) mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, ma' l-attrici kreditrici. F'dan ir-rigward it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza *in re* **Natasha Grech v. Marlon Vella**, tas-6 ta' Gunju, 2018, illi tespandi kemmxejn aktar dwar it-tematika odjerna.

Fid-dawl ta' dak espress, dan kollu jwassal lit-Tribunal jikkwalifika lill-konvenut bhala debitur ta' l-attrici u, *vice versa*, l-attrici kreditrici tal-konvenut. Tali rimarka qed issir ukoll in vista – u anke b'sostenn – tal-materjal probatorju ezibit mill-attrici flimkien ma' l-att promotur (ara *a foll*. 3–33) u kif ukoll ta' l-affidavit tad-direttur tas-socjetà attrici mressaq fl-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021, li jaghtu suffragju lill-allegazzjonijiet dedotti mill-istess attrici kontra l-imharrek.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attrici – u anke, izda mhux biss, bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier u shih, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-istess attrici is-somma, kif ridotta matul dan il-procediment, ta' hames mija u tlett ewro u sitta u sebghin centezmi (€503.76c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-2 ta' Lulju, 2016[6] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

[6] Skond l-Artikolu 26C tal-Kodici ta' Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta), ossia mill-"*ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt.*" (ara *invoices* ezibiti *a fol.* 15 li ggorr id-data tal-1 ta' Lulju, 2016).

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali bin-numru 141/2020,[7] huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[7] Nonostante li l-attrici naqset milli formalment tezibixxi kopja ta' tali att gudizzjarju, it-Tribunal jemmen li xorta wahda hemm evidenza sufficjenti sabiex l-ispejjez relattivi jigu akkollati fuq il-parti konvenuta peress li l-attrici indikat in-numru ta' referenza ta' l-att gudizzjarju relattiv u, allura, ghamlitu individwabbli (stante li tali numru huwa singolari u partikolari ghal kull att gudizzjarju). In forza ta' dak misjub fil-gurisprudenza patria, l-atti gjacenti fir-registri tal-qrati domestici jistghu jigu kkonsultati minghajr il-htiega ta' l-ezibizzjoni formali taghhom fil-proceduri *de quo*. Din hi norma riflessa f'bosta decizjonijiet, fosthom *in re* **Negte. Giuseppe C. Degiorgio et v. Carmelo Asciak** (Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927); **Maria Ellul Bonnici v. Felice Mercieca et ne** (Prim'Awla, 22 ta' Frar, 1950); **Alphonse Maria Vella v. Carmelo Mallia** (Appell Kummercjali, 11 ta' Lulju, 1994); **Edwige armla minn Roger Camilleri v. Gaetano Debattista noe et** (Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004); **Alan Kyle noe v. Mary La Rosa et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru, 2005); **Nancy Cutajar nomine v. Charles Ciappara et** (Appell Superjuri, 3 ta' Ottubru, 2008); **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 28 ta' April, 2009, konfermata fl-appell fid-19 ta' April, 2012); u **Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Limited** (Appell Inferjuri, 22 ta' Jannar, 2010). L-importanti huwa li l-att gudizzjarju (li ma jigix formalment ezebit fil-proceduri) jigi, almenu, debitament senjalat fil-kors tal-procediment. Dan gie konfermat fi zmien pjuttost ricenti *in re* **Anthony Micallef et v. Paul Balzan pro et noe** (Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 2017) fejn inghad hekk: "*Din il-Qorti taqbel ma' dan il-principju, però, qabel xejn, hu mehtieg li lill-Qorti issirilha referenza cara u preciza tal-att li ghalih parti f'kawza ohra jrid jaghmel referenza. Il-Qorti ma hijiex adita mill-atti kollha li jigu pprezentati fir-Registru tal-Qorti Civili, u ma tistax, meta ma jkollhiex indikazzjoni cara, tipprezumi hi li setgha gie pprezentat att u taghmel tfittxija ghal li jista' jkun*."